**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 15 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 141/2011 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu ppremetta:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-Gimgha, 14 ta' Awwissu 1998 u miz-zwieg taghhom twieled tifel, D B fis-17 ta' Jannar 2005 li illum ghadu minuri.*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u l-kontendenti ffirmaw*

---
[1] Fol. 1.

*kuntratt ta' separazzjoni nhar id-19 ta' Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Fenech liema kuntratt jirregola l-aspetti kollha tas-separazzjoni taghhom (Kopja tal-Kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument A);*

3. *Illi tul ix-xhur, l-intimata naqset serjament milli tonera diversi obbligi naxxenti mill-istess kuntratt u in vista ta' l-inadempjenza taghha, il-kwistjoni giet riferita ghal Medjazzjoni skond il-ligi;*

4. *Illi sfortunatament, il-procedura ta' Medjazzjoni kellha ezitu negattiv u b'digriet datat it-18 ta' April 2011, dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-Medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lil A B jipprocedi b'kawza u dan fit-termini impost mil-ligi (Kopja tad-Digriet anness u mmarkat Dokument B);*

5. *Illi l-inadempjenza ta' l-intimata hija relatata ma' diversi Artikoli tal-kutratt u tikkonsisti:*

   1. *Illi ai termini ta' l-Artikolu 8(e) tal-Kuntratt, il-partijiet ftehmu illi kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma u kontijiet ohra relatati mat-telefon u servizz ta' internet relatati mal-fond matrimonjali XX, Triq il-X Santa Venera, kemm-il darba ghad hemm xi ammonti pendenti u in kwantu jirrigwardaw il-perjodu mit-tletin ta' Mejju 2009 sad-data tal-kuntratt ghandhom jithallsu mill-Mara. Dan il-hlas ma sarx bil-konsegwenza illi min jipprovdi dawn is-servizzi jista' in vista tan-nuqqas ta' hlas, jissospendi s-servizzi u dan a setriment tal-minuri D B illi jirrisjedi gewwa l-istess dar ma' l-intimata;*

   2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ai termini ta' l-Arikolu 12 ta' l-istess kuntratt, il-partijiet qablu u ftehmu illi:*

      *"fl-eventwalita' illi l-Mara jkollha relazzjoni ma terza persuna u dan ta' l-ahhar jibda jirrisjedi permanentemen jew fuq bazi regular hafna gewwa d-dar matrimonjali, il-Mara tkun obbligata thallas nofs il-pagament mensili tad-dejn gravanti fuq il-propjeta' ossia il-Home Loan u l-Mara f'din l-eventwalita' biss, title fil-beneficcju illi tghix gewwa d-dar minghajr ma thallas ir-rati mensili."*

*Illi minn ftit gimghat biss wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-Mara, illi kellha u ghad ghandha relazzjoni ma' terza persuna bl-isem ta' E B, accetat gewwa d-dar matrimonjali lill-istess E B u kif sejjer jigi ippruvat waqt il-kawza, B beda jirrisjedi b'mod regolari hafna god-dar gia dar matrimonjali, flimkien ma' l-intimata u ukoll l-iben minuri D.*

*Illi kif sejjer jigi ampjament ippruvat waqt il-kawza, l-istess E B iqum u jorqod kuljum gewwa d-dar gia matrimonjali u qieghed jikkoabita ma' l-intimata u binha.*

*Illi ghaldaqstant sehhet il-kunsizjoni kontemplata fl-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni u l-intimata hija ghalhekk obbligata thallas nofs il-Home Loan u dan fl-ammont ta' Euro 131 fix-xahar u dan mix-xahar ta' Dicembru 2010 u cioe' id-data meta Eie B beda effettivament jghix u jirrisjedi gewwa d-dar matrimonjali.*

*Illi nonostante dan il-fatt, l-intimata ghadha tinnega sahansitra l-ezistenza tal-"partner" gdid taghha u ghalhekk irrifjutat milli thallas dak minnha dovut sa minn Dicembru 2010.*

3. *Ili ai termini ta' l-Artikolu 14(e) ta' l-istess kuntratt il-partijiet ftehmu illi:*

*"fl-eventwalita' illi l-Mara jkollha relazzjoni stabbli ma terza persuna, il-Mara ma tibqax ticevi manteniment ghaliha u l-ammont pagabbli f'dan il-kaz minghand ir-Ragel ikun esklussivament ghat-tifel u cioe' fis-somma ta' Euro 550.*

*Illi in vista tal-fatti tal-kaz u kif sejjer jigi ampjament ippruvat, tezisti relazzjoni stabbli bejn l-intimata u E B sa minn Dicembru 2010 il-manteniment ta' C B mhuwiex izjed dovut izda ir-rikorrent, sabiex jezimi ruhu minn kwalsiasi responsabbilita' beda jiddepozita l-ammont ta' Euro 250 that l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u dan minghajr ebda ammissjoni illi huwa dovut stante illi l-intimata tilfet id-dritt ghall-manteniment ai termini ta' l-Artikolu 14(e) tal-kuntratt iffirmat liberalment minnha stess.*

*Ghaldaqstant u b'riferenza tas-suespost, ir-rikorrent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata naqset milli thallas il-kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma kif kienet obbligata illi taghmel ai termini ta' l-Artikolu 8€ tal-Kuntratt u bi ksur ta' l-obbligi taghha naxxenti mill-istess Artikolu u tillikwida tali ammont;*

2. *Tordna lill-intimata thallas l-ammont hekk likwidat skont l-ewwel talba;*

3. *Tiddikjara u tiddeciedi illi sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri li tigi stabbilita mill-Qorti, l-intimata kellha relazzjoni ma terza persuna u dan ta' l-ahhar beda jirrisjedi permanentament jew fuq bazi regolari hafna gewwa d-dar matrimonjali u dan ai termini ta' l-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni;*

4. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata hija obbligata thallas nofs il-pagament mensili tad-dejn gravant fuq il-propjeta' ossia il-Home Loan minn Dicembru tas-sena 2010 u ukoll illi l-intimata tilfet il-beneficcju illi tghix gewwa d-dar minghajr ma thallas ir-rata mensili ai termini ta' l-Artikolu 12 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni u sussegwentament tordna lill-intimata thallas is-sehem taghha mill-pagamenti sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri stabbilita mill-Qorti;*

5. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimata sa minn Dicembru 2010 jew data ohra verjuri, kienet involuta f'relazzjoni stabbli ma terza persuna u sussegwentament tiddikjara u tiddeciedi illi sa minn Dicembru 2010, l-intimata tilfet id-dritt li tircievi manteniment ghaliha fis-sommma ta; Euro 250 fix-xahar u dan ai termini ta' l-Artikolu 14(e) tal-kuntratt ta' Separazzjoni, u illi l-ammont pagabbli sa minn Dicembru 2010 mir-rikorreenti kien u se jkun esklussivament ghat-tifel u cioe' fis-somma ta' Euro 550 fix-xahar.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimata illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti r-rikors promotur huwa irritu u null stante illi ma gewx osservati d-disposizzjonijiet talavviz legali 397 tal-2003 stante illi ma gietipprezentata l-ebda ittra ghall-medjazzjoni fuq il-mertu tal-kawza odjerna. Illi jigi rilevat illi l-uniku ittra ghal ftuh ta' medjazzjoni ipprezentata mill-attur (vide kopja annessa u mmarkata `Dok. SB1`) kienet tirrigwarda l-varjazzjoni talklawsola numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni mertu tal-kawza odjerna rigwardanti l-hinijiet ta' access biss minghajr ebda referenza ghall-materji u klawsoli mertu tal-kawza odjerna. Infatti l-attur ipprezenta kawza flistess ismijiet bin-numru 150/2011 NC permezz ta' liema huwa qieghed jitlob il-varjazzjoni tal-klawsola numru hmistax (15) tal-kuntratt ta' separazzjoni rigwardanti lhinijiet ta' access tal-iben minuri M B. Illi jigi rilevat ukoll illi apparti dak li nghad aktar 'il fuq, anqas huwa legalment possibbli illi minn medjazzjoni wahda jigu intavolati zewg kawzi.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll it-talbiet attrici huma intempestivi, frivoli u vessatorji u intizi biss sabiex jivvessaw lill-konvenuta u sabiex l-attur jittenta jilledi l-obbligi minnu assunti fil-konfront ta' martu lkonvenuta fuq il-kuntratt ta' separazzjoni personali, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra lattur;*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll din il-Qorti ma hiex kompetenti rationae materiae sabiex tisma u tiddeciedi l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tal-attur;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti u in linea preliminari ukoll l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet tal-attur kif dedotti huma intempestivi u ma jistghux jintlaqghu u dana stante illi l-klawsola 8 (e) tal-kuntratt ta' separazzjoni ma tistipulax z-zmien li fih kellu jsir il-hlas u ghaldaqstant semmai t-talba kellha tkun sabiex il-qorti tistabilixxi zmien li fih il-konvenuta ghandha tesegwixxi l-obbligi taghha; Illi jigi sottomess*

[2] Fol. 70.

*illi l-konvenuta qieghda regolarment taghmel l-pagamenti relattivi u l-arretrati ta' dawl u ilma fuq il-fond matrimonjali Cavallino Rampante, Triq il-Parilja, Santa Venera jirraprezentaw in parte l-perjodu ta' qabel id-data tat-30 ta' Mejju 2009 indikata fil-klawsola 8 (e) u in parte l-perjodu illi fih kienet qeghda tigi kkuntrattata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u illi fih l-attur kien qieghed ighaddi lill-konvenuta mara ammonti zghar ta' manteniment li bilkemm kienu jservu sabiex hija tghajjex lill-iben minuri;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attrici numru tlieta (3) sa hamsa (5) it-tnejn inkluzi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u ghalkemm il-konvenuta ghandha relazzjoni ta' hbiberija mal-imsemmi Eie B ma huwiex minnu illi hemm xi forma ta' relazzjoni li tista tigi deskritta bhala wahda "stabbli" kif riferut fil-klawsola 14 (e) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali u/jew illi l-imsemmi Eie B qatt irrisjeda u /jew qieghed jirrisjedi "permanentement jew fuq bazi regolari hafna gewwa d-dar matrimonjali" u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra listess attur;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat id-digriet tat-18 ta' April 2011 fejn il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attur jipproċedi b'kawża fit-termini mposti fil-liġi;[3]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistant Ġudizzjarju Dr Anna Mallia,[4] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti eżebiti mill-istess xhieda;

[3] Fol. 23.
[4] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tas-7 ta' Mejju 2012, a fol. 91.

Rat il-kuntratt datat 19 ta' Ottubru 2010 li jinsab fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Fenech;[5]

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju 2012, fejn il-konvenuta irtirat l-ewwel eċċezzjoni tagħha;[6]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[7]

Rat illi l-kawża tħaliet għas-sentenza għat-3 ta' Novembru 2016;[8]

Rat is-sentenza fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Novembru 2016,[9] fejn il-Qorti *"qiegħda tilqa' t-tielet eċċezzjoni u qiegħda tiddikjara ruħha inkompetemti għar-rigward it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet tal-attur u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet u l-eccezzjonijiet l-ohra attrici"*;

Rat illi nhar it-23 ta' Novembru 2016, l-attur appella mis-sentenza surreferita fejn talab lill-Qorti tal-Appell sabiex tħassar is-sentenza tal-Ewwel Qorti u tibgħat l-atti lura quddiemha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 23 ta' Ġunju 2022,[10] fejn saħqet illi *"il-liġi tipprovdi għall-Qorti Ċivili li hi maqsuma f'sezzjonijiet differenti, filwaqt li l-Art. 3 u 4 tal-Kap. 12 jelenkaw il-qrati differenti. M'Hemmx kwistjoni li l-kawża taqa' fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili. Id-diverġenza hi dwar liema sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tisma' u tiddeċiedi l-kawża. (...) Għalhekk il-kwistjoni mhijiex waħda ta' kompetenza bejn il-qrati, izda liema sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tisma' u tiddeċedi l-kawża. Skont ir-regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.19 (Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (ħawdex) (Ġiurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja): "8. Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi*

[5] Fol. 6.
[6] Fol. 91.
[7] Fol. 311.
[8] Fol. 310.
[9] Fol. 321.
[10] Fol. 365.

*dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali." Għal dawn il-motivi tħassar is-sentenza tat-3 ta' Novembru 2016 u tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenuta. Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jibgħat il-proċess lill-Prim' Imħallef sabiex jiddeċiedi lil liema sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tiġi assenjata l-kawża"*;

Rat id-digriet tas-26 ta' Lulju 2022, fejn il-Prim' Imħallef wasal għal konklużjoni illi *"Ma' dan jizdied li skot regolament 10(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja Kap 12.20 is-sezzjoni tal-Qorti tal-Familja tisma' kwistjonijiet dwar varjazzjoni ta' kondizzjonijiet ta' sentenzi jew kuntratti ta' separazzjoni. Wahda mit-talbiet hi specifika ghal varjazzjoni u din ghandha tinstema mill-Qorti tal-Familja. Ghalkemm it-talbiet l-ohra jirreferu ghal adempiment ta' kuntratt u wahedhom setghu jsiru quddiem il-Prim Awla pero hi l-fehma tal-Qorti li t-talbiet l-ohra ghandhom isegwu t-talba ghal varjazzjoni kemm ghax konnessi mal-istess kuntratt u wkoll biex ma jkunx hemm tixrid ta' kawzi quddiem sezzjonijiet differenti tal-Qorti Civili"*;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Awwissu 2022,[11] fejn il-kawża ġiet riappuntata;

Rat li fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2022,[12] il-Qorti laqgħat it-talba tal-attur u kkonċediet lill-partijiet sabiex jippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[14]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

[11] Fol. 336.
[12] Fol. 337.
[13] Fol. 338.
[14] Fol. 337.

Fil-qasir jingħad illi l-partijiet iżżewġu nhar l-14 ta' Awwissu 1998, minn liema żwieġ twieled D B fis-17 ta' Jannar 2005. Dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, tant li l-partijiet iffirmaw kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech nhar id-19 ta' Ottubru 2010, permezz ta' liema sseparaw minn xulxin u rregolaw l-effetti konsegwenzjali tal-istess. Dan il-kuntratt jistipula, *inter alia*:

*"8. Il-partijiet konjugi B qeghdin jaqblu u jiftehmu illi s-segwenti ser jigu trasferiti u assenjati b'titolu ta' propjeta' lill-Mara li bl-istess titolu tacetta:*

*(e) Kontijiet tad-dawl u ta' l-ilma u kontijiet ohra relatati mat-telefon u servizz ta' internet kemm-il darba ghad hemm xi ammonti pendenti u in kwantu jirrigwardaw il-perjodu mit-tletin ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (30.5.2009) u cioe' d-data illi fiha ir-Ragel kien ivvaka il-fond matrimonjali, sa llum. Dan ma jinkludix kontijiet tal-licenzji tat-televizjoni stante illi dawn sejrin jithallsu mir-Ragel sal-lum";*

*"12. Il-partijiet jaqblu u jifthemu illi fl-eventwalita' illi l-Mara jkollha relazzjoni ma terza persuna u dan ta' l-ahhar jibda jirrisjedi permanentemen jew fuq bazi regulari hafna gewwa d-dar matrimonjali, il-Mara tkun obbligata thallas nofs il-pagamenti mensili tad-dejn gravanti fuq il-propjeta' ossia il-Home Loan u l-Mara f'din l-eventwalita' biss, titlef fil-beneficcju illi tghix gewwa d-dar minghajr ma thallas ir-rati mensili."*

*"14(e). Fl-eventwalita' illi l-Mara jkollha relazzjoni stabbli ma terza persuna, il-Mara ma tibqax ticevi manteniment ghaliha u l-ammont pagabbli f'dan il-kaz minghand ir-Ragel ikun esklussivament ghat-tifel u cioe' fis-somma ta' Euro 550 fix-xahar".*

Permezz tar-rikors odjern intavolat minn A B nhar id-19 ta' April 2011, tingħata spjegazzjoni tal-obbligi naxxenti mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni. Madanakollu fir-rikors ġuramentat jiġi allegat illi l-konvenuta għandha relazzjoni stabbli ma' Eie B sa minn Diċembru 2010, li minħabba tali relazzjoni huwa jisħaq illi b'hekk għandu jkun hemm: (i) it-telf tal-intimata għad-dritt ta' manteniment għaliha nnifisha, u (ii) l-obbligu tal-intimata li tibda tħallas sehemha mill-*home loan* tad-dar li kienet talvolta matrimonjali. Barra minn hekk, jitlob illi l-Qorti tiddikjara li l-konvenuta naqset milli tħallas il-kontijiet tad-dawl u ilma kif kienet obbligata tagħmel ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jissolleva numru ta' eċċezzjonijiet, kemm preliminari kif ukoll fil-mertu. Rigward l-ewwel eċċezzjoni tan-nullita' tal-proċeduri odjerni ġiet irtirata nhar is-7 ta' Mejju 2012. Magħdud ma' dan, it-tielet eċċezzjoni ġiet deċiża minn din il-Qorti nhar it-3 ta' Novembru 2016 u sussegwentament ġiet mħassra mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 23 ta' Novembru 2016. Permezz ta' digriet tal-Prim' Imħallef ġie deċiż li t-talbiet kollha kif dedotti għandhom jiġu deċiżi minn din il-Qorti, b'hekk l-atti ġew rimandati lura u l-Qorti, kif presjeduta ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-mertu tal-kawża istanti. Fil-mertu, il-konvenuta tgħid li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## 2. Il-Verżjoni tal-Attur u l-Provi Mresqa Minnu:

Permezz tal-affidavit tiegħu,[15] l-attur jispjega li minn dejjem kien hemm problemi bejnu u bejn martu fiż-żwieg u eventwalment ħass li kien fl-ahjar interess taghhom it-tnejn li jisseparaw. Filfatt il-partijiet isseparaw b'kuntratt ta' separazzjoni datat 19 t'Ottubru 2010 u l-attur jgħid li huwa obbliga ruħu li jħalli lil martu u lil ibnu jgħixu fl-istess livell ta' għixien li kellhom waqt iż-żwieġ. Il-konvenuta tgħix fid-dar matrimonjali sakemm iben il-partijiet jagħlaq l-eta ta' tmintax-il sena u huwa wkoll qiegħed iħallas għal-loan tad-dar waħdu u mhux ser jirkupra dan il-ħlas mal-bejgħ tad-dar. Illi l-attur obbliga ruħu wkoll li jħallas manteniment ta' €800 fix-xahar, €550 ghal ibnu D u €250 ghall-konvenuta. Dawn l-obbligi għall-ħlas ta' manteniment u *loan* kienu soġġetti għal-kundizzjonijiet li llum il-ġurnata seħħew.

L-attur jgħid li ftit żmien wara li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, iben il-partijiet qallu li l-konvenuta kellha relazzjoni, għalhekk huwa ddeċieda li jinvestiga. Huwa beda jmur personalment u beda jara li filghodu kmieni kien qed joħrog ragel mid-dar matrimonjali tal-partijiet u dan kien qiegħed isir ta' kuljum. Saħansitra l-vetturi ta' dan ir-ragel kienu jkunu ipparkjati quddiem id-dar ta' kuljum. Magħdud ma' dan, iben il-partijiet beda jirreferi għal dan ir-raġel bħala *'Daddy E'*.

Fid-dawl tal-premess, l-attur huwa tal-fehma illi *"iz-zewg kundizzjonijiet sabiex (i) C thallas nofs il-pagamenti tal-"Home Loan" u (ii) titlef id-dritt ghall-*

[15] Fol. 57.

*manteniment ghaliha, avveraw ruhhom f'Dicembru 2010 u in vista tal-fatt illi – diversi intimazzjonijiet sabiex hija thallas sehemha mil-Loan sfaw inutli, jiena ma kellix ghazla ohra hlief nirrikorri ghal dawn il-proceduri".*[16]

F'xhieda *viva voce,*[17] l-attur ikkontenda illi l-konvenuta taħdem u għalhekk għandha tħallas nofs il-*loan*. Jgħid li għandha ħanut flimkien mas-sieħeb tagħha, tieħu l-benefiċċju soċjali u manteniment, apparti s-somma ta' €17,000 mis-somma ta' €32,000 kif imniżżel fil-kuntratt ta' separazzjoni;

Sabiex jikkorrabora l-verżjoni tiegħu, l-attur iressaq is-segwenti provi:

a. *Affidavit ta' F B, ossija omm l-attur, debitament maħluf nhar id-9 ta' Ġunju 2011 u ppreżentat nhar l-24 ta' Awwissu 2011*,[18] li tikkonferma l-verżjoni tal-attur;

b. *Affidavit ta' G B, ossija ħu l-attur, debitament maħluf nhar it-13 ta' Ġunju 2011 u ppreżentat nhar l-24 ta' Awwissu 2011*,[19] li jikkonferma l-verżjoni tal-attur;

c. *Affidavit ta' H B, ossija mart ħu l-attur, debitamet maħluf nhar it-6 ta' Ġunju 2011 u ppreżentat nhar l-24 ta' Awwissu 2011,*[20] li tikkonferma l-verżjoni tal-attur;

d. *Affidavit ta' I J, ossija impjegat ma' Smart Office Supplies Limited, debitament maħluf l-10 ta' Ġunju 2011 u ppreżentat nhar l-24 ta' Awwissu 2011*,[21] li jikonferma l-verzjoni tal-attur;

e. *Affidavit ta' K L, ossija oħt l-attur, debitament maħluf nhar id-9 ta' Ġunju 2011 u ppreżentat nhar l-24 ta' Awwissu 2011*,[22] li tikkonferma l-verżjoni tal-attur;

f. *Affidavit ta' M N*,[23] bil-liċenzja PGA/2/2009, fejn tgħid li ġiet imqabda mill-attur sabiex tiċċekja jekk il-konvenuta għandhiex relazzjoni u jekk iva, hux

[16] Fol. 63.
[17] Fol. 102, 164.
[18] Fol. 39.
[19] Fol. 40.
[20] Fol. 42.
[21] Fol. 44.
[22] Fol. 46.
[23] Fol. 182.

terza persuna qiegħda tuża l-proprjeta'. Tikkonferma illi minn Diċembru 2010 sa April 2011, hija rat lil Eie B bil-vettura tiegħu tat-tip Landrover u bin-numru ta' reġistrazzjoni DAS-329, vettura tat-tip Landrover u bin-numru ta' reġistrazzjoni FWD-973, vettura tat-tip Mercedes u bin-numru ta' reġistrazzjoni ABD-148, u vettura tat-tip Toyota u bin-numru ta' reġistrazzjoni KBJ-607, jasal wara l-5 ta' wara nofsinhar u joħroġ l-għada fis-6.30 ta' filgħodu. Tikkonferma ukoll li l-konvenuta kienet l-ewwel titfi l-bozza ta' quddiem il-bieb, toħroġ tittawwal, umbgħad tagħmel sinjal lil Eie B li joħroġ mgħaġġel mill-bieb ta' barra;

g. *Pendrive*,[24] li tinkludi: (i) *video* tat-tifel fejn jgħid li l-lejl ta' qabel raqad ċertu E id-dar għand ommu, (ii) ritratti ta' Landrover bin-numru ta' reġistrazzjoni DAS-329 li tkun tinsab ipparkjata quddiem il-fond fejn tirrisjedi l-attriċi f'diversi ħinijiet tal-ġurnata nkluż bil-lejl, u (iii) ritratti tal-konvenuta u raġel ieħor li mhux l-attur ħerġin kmieni filgħodu mid-dar fejn tirrisjedi l-konvenuta;

h. *Dokumenti bankarji*,[25] sabiex jikkonfermaw illi l-attur għamel il-ħlas tal-pagamenti tal-*loan* kif ukoll l-*insurance* relattiva inkluż is-sehem tal-konvenuta;

i. *Rapport tas-social worker Denise Portelli wara li ġiet nominata permezz ta' digriet datat 6 ta' Ottubru 2011 fil-kawża bin-numru 150/2011 NC li kienet titratta l-aċċess tal-minuri*,[26] fejn meta l-konvenuta ġiet mitkellma nhar l-5 ta' Jannar 2012, hija iddikjarat illi *"C tghid li hi ukoll ghandha partner, jismu E. Tgħid li E qiegħed jgħix magħhom"*, filwaqt li waqt li tkellmet ma' D, dan ikkonferma li E ilu jgħix magħhom;

j. *Prospett tal-ħlas tal-pagamenti li għamel l-attur, li tagħhom huwa qed jippretendi nofshom*;[27]

k. *Ix-xhieda ta' Denise Portelli*,[28] fejn ikkonfermat illi r-rapport kif redatt minnha huwa bbażat fuq il-verżjoni tal-partijiet ikkonċernati;

[24] Fol. 57.
[25] Fol. 64 – 68.
[26] Fol. 94.
[27] Fol. 100, 184.
[28] Fol. 139.

l. *Ix-xhieda ta' Romwald J in rappreżentanza ta' Bank of Valletta plc*,[29] fejn jikkonferma li l-partijiet għandhom *home loan* u *motor loan*. Ippreżenta rendikont tal-*home loan* li nfetaħ nhar it-30 ta' April 2004,[30] fejn il-pagamenti mit-30 ta' April 2004 sat-30 ta' Settembru 2009 kienu qed isiru permezz ta' standing order f'isem A B, filwaqt li mid-29 ta' Novembru 2009 sal-mument tax-xhieda l-pagamenti saru bi flus kontanti mill-attur. Jiġi maqbul matul ix-xhieda li l-*motor loan* ma għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża istanti;

m. *Ix-xhieda ta' Johanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[31] frjn prreżentat rendikont ta' kif saru l-pagamenti fil-*house loan* mit-2013 sal-2015,[32] kif ukoll rendikont ta' min ħallas tali pagamenti bejn l-imsemmi perjodu fejn jidher li l-konvenuta ħalset sehemha għal perjodu bejn Frar 2014 sa Settembru 2015;[33]

n. *Ix-xhieda ta' Raymond Ambrogio in rapprentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[34] li jikkonferma li meta l-konvenuta marret tressaq ilment f'Awwissu 2011 kienet akkompanjata minn raġel li ġie deskritt bħala l-ħabib tagħha. Kull darba li marret l-għassa kienet dejjem fil-preżenza tal-istess raġel li jismu Eie B, u meta saqsiha għaliex dejjem tiġi miegħu l-Għassa, hija kkonfermat li għandha relazzjoni miegħu. Jgħid ukoll li l-Għassa tal-Ħamrun kollha taf bi Eie B għaliex iċemplulu dejjem minħabba li jkun ipparkja dejjem ħażin fi triq il-Parilja;

o. *Ix-xhieda tan-Nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech*,[35] fejn ippreżentat kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni li jinsab fl-atti tagħha;[36]

p. *Ix-xhieda tal-konvenuta in subizzjoni*,[37] li tgħid li ma għandix impjieg u toqgħod fil-ħanut tas-sieħeb tagħha, iżda ta' dan ma titħallasx. Magħdud ma' dan tikkonferma illi s-sieħeb tagħha jgħix magħha f'dik li kienet id-dar matrimonjali;

[29] Fol. 139
[30] Fol. 141 – 150.
[31] Fol. 293.
[32] Fol. 280 – 284, 301 – 303.
[33] Fol. 298 – 300.
[34] Fol. 140.
[35] Fol. 164.
[36] Fol. 166.
[37] Fol. 164.

q. *Ix-xhieda ta' Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO plc*,[38] li jgħid li l-partijiet qabel kellhom servizz ta' *full package* fid-dar matrimonjali ġewwa Santa Venera, iżda li fil-mument tax-xhieda ma kien hemm l-ebda servizz. Fir-rigward ta' arretrati dovuti, jgħid li hemm l-aħħar kont ta' €613 u għadu dovut. Jippreżenta: (i) kopja ta' ittra uffiċċjali li bagħtu lill-attur,[39] (ii) nota bid-dokumenti li bagħat lura lura l-attur,[40] (iii) ittra uffiċċjali li bagħatu lil konvenuta.[41] Jikkonferma li l-ammont dovut huwa għal perjodu bejn il-11 ta' Ottubru 2010;

r. *Ix-xhieda ta' Reuben Bonnici in rappreżentanza tal-ARMS Ltd*,[42] fejn jikkonferma li fid-dar matrimonjali hemm is-servizz ta' ilma u dawl intestat f'isem A B, u li hemm bilanċ dovut ta €3,766.42. Jippreżenta *statement of accounts* li juru dan mis-26 ta' Lulju 2005 'il quddiem, fejn l-aħħar pagament sar fl-1 ta' Diċembru 2012. Jispjega li l-ARMS ħarġu tlett (3) *final notices* mibgħuta lil A B;[43]

s. *Ix-xhieda ta' Joseph Saliba in rappreżentanza ta' Jobsplus*,[44] fejn ippreżenta l-*employment history sheet and records* tal-konvenuta, li tidher li għadha taħdem fuq bażi *part-time* mal-ħanut *All in One*;[45]

t. *Ix-xhieda ta' Ivan Cilia in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali*,[46] fejn ippreżenta prospett ta' xi pperċepixxiet il-konvenuta mit-8 ta' Awwissu 2009 sas-16 ta' Marzu 2012, liema somma għandha tiġi rifuża lid-Dipartiment, u ċjoe' is-somma ta' €14,627.43.[47]

## 3. Verżjoni tal-Konvenuta u l-Provi Mresqa Minnha:

Il-konvenuta tixhed *viva voce*,[48] fejn tgħid li skont il-kuntratt ta' separazzjoni, il-pagamenti tal-*house loan* kellhom iħallsuhom nofs bin-nofs. Tispjega illi minn Frar 2011 sa 2013 ma ħalsietx, u bdiet tħallas minn Jannar 2014. Il-konvenuta tgħid illi skont il-kuntratt, l-attur kellu jagħtiha s-somma ta' €32,000, li minnhom

[38] Fol. 191.
[39] Fol. 197.
[40] Fol. 198.
[41] Fol. 202.
[42] Fol. 191, 293.
[43] Fol. 194 – 196, 285 – 291, 296 -
[44] Fol. 192.
[45] Fol. 203.
[46] Fol. 192.
[47] Fol. 205 – 210.
[48] Fol. 243.

għad fadallu bilanċ ta' €15,000, flimkien ma' spejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri minn Jannar 2011, kif ukoll il-manteniment għaliha nnifisha minn Jannar 2011, u tad-dawl u l-ilma.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, il-konvenuta tressaq is-segwenti provi:

a. *Rendikont ta' dak li għandu jħallas l-attur fi spejjeż edukattivi minn Jannar 2011 sa Ġunju 2015*, manteniment għal konvenut, u rċevuti li flimkien jammontaw għal €1,600.37;[49]

b. *Rendikont ta' dak li għandu jħallas l-attur f'kontijiet tad-dawl u ilma sat-30 ta' Mejju 2009*, fis-somma ta' €789.02;[50]

c. *Rendikont bl-interessi sal-31 ta' Mejju 2014 tal-house loan li għandha tħallas* fis-somma ta' €5,742.08.[51]

**4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:**

Qabel mal-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra sabiex l-ewwel telenka b'mod dettaljat dawk il-prinċipji legali li huma relevanti għal każ odjern, b'mod partikolari fir-rigward ta' varjazzjoni ta' kuntratt.

Fir-rigward tad-duttrina legali *pacta sunt servanda*, u l-fatt li t-talba in diżamina tikkonsisti f'talba għal varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-*punto di partenza* għandu jkun li dak pattwit f'kuntratt huwa vinkolanti bejn il-partijiet, huwa liġi għall-partijiet li addivjenew għal tali kuntratt u għandu japplika proprju l-prinċipju legali surreferit tal-*pacta sunt servanda*. Tali prinċipju huwa inkorporat fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta'liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*

*(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi".*

[49] Fol. 246 – 264.
[50] Fol. 265 – 268.
[51] Fol. 269 – 271.

Dan il-prinċipju huwa meqjus bħala l-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti li jirrikjedi li tiġi rispettata l-volonta' tal-kontraenti u kif ukoll il-vinkolu kontrattwali.[52] Fl-istess waqt għandu jingħad illi dak maqbul f'kuntratt ma jistgħax jiġi riżolt bis-sempliċi volonta' unilaterali ta' wieħed mill-kontraenti, fil-fatt il-liġi stess teżiġi illi kuntratt jista' jiġi biss mħassar bil-kunsens tal-partijiet jew għal raġunijiet stipulati fil-liġi stess.[53] F'dan il-kuntest, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Debono vs. Carmela Debono illum Xerri**, deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' April 2015, fejn ġie ribadit illi:

*"Huwa certament minnu li mill-punto di vista etiku u anke legali li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u jobligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obligazzoni skont ix-xorta taghha bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi kif qalet is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza* ***Cefalu et vs Gauci nomine LXXX.IV.1359****). F' dan il-kaz ma tidhol ebda kwistjoni ta' xi malafede u il-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli irriteniet illi mhix ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggunta ghall kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hija espressa b' mod ambigwu. (****Beacom vs Spiteri Staines – Appell Civili - 5 ta' Ottubru 1998****) – Fil-kaz in kwistjoni ma hemm ebda ambigwita fil-kuntratt u l-attur qed jinvoka tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet. "Fis-sentenza ta' l-Prim Awla fl-ismijiet* ***General Cleaners Limited vs Accountant General et (29 ta' Novembru 2001)*** *intqal li bhala principju generali l-ligi u senjatament l-artiklu 1002 tal-Kodici Civili jghid li 'meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandhu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni. Il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandhu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li jellha tipprevali u trid tigi osservata –* ***pacta sunt servanda****".*

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern:

[52] **Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002.
[53] **Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino**, u **E Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe**, deċizi mill-Qorti tal-Appell nhar il-11 ta' Novembru 1997 u t-8 ta' Jannar 2010, rispettivament.

Fil-każ odjern l-Qorti għandha quddiemha kuntratt ta' separazzjoni, li jirregola ukoll-effetti konsegwenzjali tal-istess. Għal kull *buon fini*, il-Qorti tara idoneju li tissottolineja illi permezz tal-kawża odjerna, l-attur bl-ebda mod ma qiegħed jattakka l-validita' tal-kuntratt in kwistjoni, tant li l-attur mkien ma jipprova illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat, u lanqas ma talab ir-rexxissjoni tal-ftehim innifsu. Għaldaqstant ġialadarba l-validita' tal-iskrittura ta' bejn il-partijiet ma hiex attakkata jeħtieġ li t-talbiet prinċipali tal-attur jiġu evalwati fid-dawl tat-termini stretti tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi l-*punto di partenza* huwa proprju l-fatt li l-każ in kwistjoni jdur ma' ftehim tal-partijiet maqbul u ffirmat nhar il-19 ta' Ottubru 2010 u b'applikazzjoni tal-prinċipju legali tal-*pacta sunt servanda,* tali ftehim jista' jiġi mħassar biss bil-kunsens tal-partijiet infushom jew inkella għal raġunijiet magħrufa mil-liġi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tevalwa illi fil-kuntratt oriġinali, fir-rigward ta' ħlas tal-pagamenti tal-*home loan* u d-dritt tal-konvenuta għall-manteniment, hemm proprju żewġ klawsoli illi jistipulaw li tali kundizzjonijiet jistgħu jiġu varjat f'ċertu ċirkostanzi. Għalhekk, dak li ser tagħmel il-Qorti huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha u jekk kun il-każ tvarja l-kuntratt viġenti bejn il-partijiet.

Il-kundizzjoni li tħoll u torbot il-varjazzjoni tal-kuntratt hija jekk il-konvenuta għandhiex relazzjoni stabbli ma' terza persuna u li dan jibda jirrisjedi b'mod permanenti jew fuq bażi regolari ħafna ġewwa l-fond li kien iservi bħala d-dar matrimonjali. Il-Qorti tara li mill-provi li għandha quddiemha, jidher illi ma hemm l-ebda dubju illi l-konvenuta bdiet relazzjoni ma' ċertu E B sa minn Diċembru 2010 u li huwa jgħix b'mod permanenti u/jew regolari ħafna ġewwa l-fond fejn tirrisjedi l-konvenuta, u dan b'mod partikolari bis-saħħa ta': (i) dak li qal D stess f'*video* ppreżentat, (ii) ix-xhieda ta' Isabelle N li damet issegwi lil E B minn Diċembru 2014, (iii) ix-xhieda ta' Raymond Abrogio (PS 1314), u (iv) ir-rapport tas-*social worker* Denise Portelli. Magħdud ma' dan il-Qorti tara ukoll illi fix-xhieda tal-konvenuta in subizzjoni,[54] hija stess ikkonfermat ir-relazzjoni tagħha ma' E B u fil-mori tal-kawża bdiet ukoll tħallas sehemha mill-pagament tal-*home loan* kif ikkonfermat mir-rappreżentant tal-Bank of Valletta plc. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti għandha quddiemha ammissjoni u skont il-proċedura nostrana *"l-ammissjoni hija regina probationum u bizzejjed biex il-kaz*

[54] Fol. 164.

*jingħalaq".*[55] B'hekk, il-Qorti hija konvinta li bl-azzjoni tal-konvenuta, hemm lok illi l-konvenuta: (i) tibda tħallas sehemha mill-*home loan* tad-dar li kienet talvolta matrimonjali, u (ii) titlef id-dritt ta' manteniment għaliha nnifisha, u dan abbażi ta' klawsoli numru 12 u 14(e) rispettivament. *Di piu'* il-Qorti tara illi per konsegwenza, il-konvenuta għandha tħallas nofs il-pagament mensili tal-*home loan* minn Diċembru 2010, b'dana li jittiehed in konsiderazzjoni tal-ħlas diġa' magħmul minnha fil-mori tal-kawża minn Frar 2014 'il quddiem.

Magħdud mal-premess, u fir-rigward tat-talbiet li jikkonċernaw il-klawsola numru 8(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni dwar il-kontijiet tad-dawl, ilma u servizzi, jirriżulta illi l-kuntratt kif ippublikat min-Nutar Dr Ritianne Bugeja Fenech huwa eżegwibbli minnu nnifsu ai termini ta' Artikolu 17B tal-Kapitolu 474 tal-Liġijiet ta' Malta stante li huwa riżultat ta' ftehim li milħuq matul medjazzjoni u l-kontenut tal-istess ġie enfurzat mill-Qorti kompetenti. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li f'tali ċirkostanzi, ma hemmx lok għaliha sabiex tilqa' it-talbiet tal-attur f'dan is-sens, għaliex *in primis* l-interessi tiegħu huma ssalvagwardjati bil-kuntratt innifsu, u fit-tieni lok fi kwalunkwe każ ma huwiex l-obbligu tal-attur illi jara li l-klawsoli tal-kuntratt f'dan is-sens jiġu eżegwiti, imma *se mai* għandhom ikunu l-kredituri illi jaġixxu legalment *ad hoc*, jekk ikun il-każ, kontra l-konvenuta.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tal-attur rigward il-kontijiet pendenti skont klawsola numru 8(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni;

2. Tilqa' it-tielet talba tal-attur u tiddikjara illi sa minn Diċembru 2010 il-konvenuta bdiet relazzjoni ma' terza persuna fejn dan beda jirrisjedi permanentament jew fuq bażi regolari ħafna fil-fond tal-partijiet;

3. Tilqa' ir-raba' talba tal-attur, u tiddikjara u tobbliga lill-konvenuta tħallas nofs il-pagamenti mensili tal-*home loan* minn Diċembru 2010, b'dana li

[55] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Sephora Mifsud vs Direttur tas-Sigurta' Soċjali**, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), deċiża nhar il-25 ta' Frar 2015, fejn issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Bonnici nomine vs Ronald Farrugia et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru 1970.

jittiehed in konsiderazzjoni tal-ħlas diġa' magħmul mill-konvenuta stess fil-mori tal-kawża minn Frar 2014 'il quddiem;

4. Tilqa' il-ħames talba tal-attur, u tiddikjara illi sa minn Diċembru 2010 il-konvenuta bdiet relazzjoni ma' terza persuna fejn dan beda jirrisjedi permanentament jew fuq bażi regolari ħafna fil-fond tal-partijiet u per konsegwenza l-konvenuta tilfet id-dritt li tirċievi manteniment għaliha nnifisha skont klawsola numru 14(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni u b'hekk l-ammont ta' manteniment pagabbli mill-attur għandu jkun biss għal ibnu kif stipulat fl-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjeż għandhom ikunu sapportati kollha mill-konvenuta.